MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 107/2006

Gasan Properties Limited
vs
Marco Risiott

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

Illi l-intimat Marco Risiott kien qieghed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi l-fond “Sylvia Flats” Flat 7, Triq Emanuel Galizia, Ta’ Xbiex.

Illi l-intimat kien ilu jokkupa l-fond “Sylvia Flats” Flat 7, Triq Emanuel Galizia, Ta’ Xbiex, minghajr titolu validu fil-ligi u b’mod abbuziv sa mis-7 ta’ Dicembru 2004.

Illi l-fatti hawn fuq dikjarati kienu a konoxxenza personali ta’ Mark Gasan illi kien qieghed jahlef dan ir-rikors.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

a. Tiddikjara li l-intimat okkupa l-fond surriferit minghajr titolu validu fil-ligi mis-7 ta' Dicembru 2004 sad-data ta' l-izgumbrament effettiv u li b'hekk hu kkawza danni lis-socjeta` rikorrenti.

b. Tikkundannah jizgombra fi zmien qasir u perentorju mill-appartament "Sylvia Flats" Flat 7, Triq Emanuel Galizia, Ta' Xbiex, billi qieghed jokkupah minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

c. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba okkupazzjoni illegittima ta' l-intimat tal-fond "Sylvia Flats" Flat 7, Triq Emanuel Galizia, Ta' Xbiex, ghall-perjodu bejn is-7 ta' Dicembru 2004 sad-data ta' l-izgumbrament effettiv u

d. Tikkundanna lill-istess intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed George Chetcuti Ganado ***accounts officer*** ma' Gasan Properties li qal li huma qed isofru danni ta' Lm120 fix-xahar li beda minn Dicembru 2004 u sa llum it-total huwa ta' Lm3240.

Rat illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi baqa' kontumaci.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jidhru gustifikati l-Qorti qedha tilqaghhom filwaqt li:

**C1.** Tiddikjara li l-intimat okkupa l-fond surriferit minghajr titolu validu fil-ligi mis-7 ta' Dicembru 2004 sad-data ta' l-izgumbrament effettiv u li b'hekk hu kkawza danni lis-socjeta` rikorrenti.

**C2.** Tikkundanna lill-intimat jizgombra fi zmien xahar mill-appartament "Sylvia Flats" Flat 7, Triq Emanuel Galizia, Ta' Xbiex, billi qieghed jokkupah minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

**C3.** Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba okkupazzjoni illegittima ta' l-intimat tal-fond "Sylvia Flats", Flat 7, Triq Emanuel Galizia, Ta' Xbiex, ghall-perjodu bejn is-7 ta' Dicembru 2004 sad-data ta' l-izgumbrament effettiv fis-somma ta' tlett elef mitejn u erbghin liri Maltin (Lm3240).

**C4.** Tikkundanna lill-istess intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------